



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.6.2018
COM(2018) 493 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**Rapport Annwali dwar l-Attivitajiet ta' Riċerka u ta' Żvilupp Teknoloġiku tal-Unjoni
Ewropea u l-Monitoraġġ ta' Orizzont 2020 fl-2017**

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Rapport Annwali dwar l-Attivitajiet ta' Riċerka u ta' Żvilupp Teknoloġiku tal-Unjoni Ewropea u l-Monitoraġġ ta' Orizzont 2020 fl-2017

1. KUNTEST TAR-RAPPORT ANNwali DWAR L-ATTIVITAJIET RTD

Ir-Rapport Annwali dwar l-Attivitajiet ta' Riċerka u ta' Żvilupp Teknoloġiku tal-Unjoni Ewropea (UE), u dwar id-disseminazzjoni tar-riżultati, jitħejja skont l-Artikolu 190 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u l-Artikolu 7 tat-Trattat Euratom. L-iskop ta' dan ir-rapport huwa li jipprovdi ħarsa ġenerali konċiża u mhux eżawrjenti tal-miżuri ewlenin meħuda fis-sena tar-rapportar.

Wara sejħa mill-Kunsill fit-30 ta' Mejju 2017 lill-Kummissjoni sabiex tissimplifika l-istrategġja tagħha ta' rapportar, hija disponibbli għall-pubbliku dejta dwar il-monitoraġġ dettaljata marbuta ma' Orizzont 2020, fit-Tabella l-għdida ta' Orizzont 2020¹.

2. KUNTEST TAL-POLITIKA AKTAR MIFRUX FL-2017

Filwaqt li fl-2017 l-UE ffaċċat sfidi konsiderevoli ta' politika, għamlet ukoll progress sostanzjali fl-10 prioritajiet tal-Kummissjoni li l-President Juncker stabbilixxa fil-bidu tal-mandat tiegħu. Ir-Riċerka u l-Innovazzjoni komplew ikollhom rwol ewleni fl-implimentazzjoni tal-Aġenda għall-Impjiegi, it-Tkabir, il-Ġustizzja u t-Tibdil Demokratiku.

L-ekonomija Ewropea kompliet iżżid il-pass. L-impjiegi u l-investiment reġġu lura għall-livelli ta' qabel il-kriżi finanzjarja. **Il-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa** ta' EUR 315-il biljun tal-Kummissjoni, permezz tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS), rendu aktar riżultati. Sa Diċembru 2017 il-FEIS kien mistenni li jiskatta EUR 256.1 biljun f'investimenti. Il-Programm Qafas Orizzont 2020 ikkontribwixxa għal dawn l-iżviluppi pożittivi. Kull Euro investit taħt Orizzont 2020 iġib żieda fil-PDG ta' EUR 6 sa EUR 8.5 (EUR 400 sa EUR 600 biljun sal-2030)².

L-UE għamlet ukoll progress sinifikanti fl-istabbiliment ta' **suq uniku diġitali konness**. Il-Kummissjoni ssuġġeriet regoli ġodda sabiex tipproteġi l-proprjetà intellettuali, id-diversità kulturali u d-dejta personali sabiex tiffaċilita l-ġlieda kontra l-propaganda terrorista u r-radikalizzazzjoni online. Il-Kummissjoni Ewropea kkontribwiet għal din il-priorità ta' politika billi allokat EUR 3 biljun għall-2016 u għall-2017 għal attivitajiet relatati mat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni f'kull parti ta' Orizzont 2020. Aktar minn EUR 6 biljun huma allokati għar-R&I diġitali fl-aħħar fażi tal-programm (2018-20), li EUR 1.7 biljun minnhom ġew allokati għall-Qasam ta' Ffukar fuq id-Diġitalizzazzjoni.

L-avvenimenti ġeopolitiċi żammew **l-enerġija u l-klima** fil-quċċata tal-aġenda fl-2017. Il-Kummissjoni Ewropea kompliet l-implimentazzjoni tal-impenji tal-UE fl-enerġija u l-klima b'ħala segwitu għall-Ftehim ta' Pariġi tal-2015 dwar it-Tibdil fil-Klima kif ukoll b'rabta mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. It-tielet Rapport dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija ppreżentat f'Novembru 2017 wera li t-tranżizzjoni tal-Ewropa lejn soċjetà b'livell baxx ta' karbonju qed issir ir-realtà l-għdida. Dawn l-iżviluppi ġew riflessi kif xieraq fil-Programm ta' Ħidma 2018-2020 ta' Orizzont 2020 li jinvesti l-aktar fir-riċerka dwar l-azzjonijiet għall-klima

¹ <http://ec.europa.eu/research/participants/portal/desktop/en/projectresults/index.html>.

² [Evalwazzjoni Interim ta' Orizzont 2020, ippubblikata fid-29 ta' Mejju 2017](#)

u s-sostenibbiltà eż. permezz tan-nefqa ta' EUR 3.3 biljun oħra fuq qasam li jiffoka fuq futur reżiljenti għall-klima b'livell ta' karbonju baxx.

3. QAFAS TA' POLITIKA

Is-sena ta' rapportar kienet immarkata minn bidu ta' suċċess tal-aħħar fażi ta' Orizzont 2020 (2018-2020) kif ukoll mill-ewwel azzjonijiet għat-tfassil tal-Programm Qafas li jmiss għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li għandu jibda fl-2021.

Fid-29 ta' Mejju 2017, il-Kummissjoni ppubblikat l-**Evalwazzjoni Interim ta' Orizzont 2020**, meħtieġa mill-Artikolu 32 tar-Regolament li jstabbilixxi Orizzont 2020. Is-sejbiet tal-Evalwazzjoni Interim taw prova li Orizzont 2020 huwa programm attraenti ħafna li jippermetti kollaborazzjonijiet u sħubiji uniċi u li jinsab fit-triq it-tajba biex jikkontribwixxi għall-impjegi u għat-tkabbir. Madankollu, jitlob ukoll li jkun hemm impatt massimizzat permezz tal-orjentazzjoni tal-missjoni u tal-involviment taċ-ċittadini.

L-Evalwazzjoni Interim ipprovdiet il-bażi ta' evidenza għar-rapport u għar-rakkomandazzjonijiet li jħarsu 'l quddiem tal-Grupp ta' Livell Għoli indipendenti dwar il-massimizzazzjoni tal-impatt tal-programmi R&I tal-UE, ippresedut minn Pascal Lamy (**Grupp ta' Livell Għoli Lamy**). Ir-rapport tal-Grupp ta' Livell Għoli ppubblikat fit-3 ta' Lulju 2017 jiffirma viżjoni għar-riċerka u l-innovazzjoni futuri tal-UE u jfassal rakkomandazzjonijiet strateġiċi dwar il-massimizzazzjoni tal-impatt tal-investiment futur tal-UE f'dan il-qasam. Ir-rapport kiseb attenzjoni notevoli f'livelli politiċi għoljin, lil hinn mill-komunità tar-riċerka u tal-innovazzjoni, u barra mill-Ewropa u sar punt ta' referenza għad-diskussjoni mal-partijiet ikkonċernati. Kemm l-Evalwazzjoni Interim kif ukoll ir-rapport Lamy jitolbu għal "evoluzzjoni, u mhux rivoluzzjoni", li tistabbilixxi livell ta' ambizzjoni għad tmexxija globali tal-UE fix-xjenza u fl-innovazzjoni.

L-iżvilupp ta' kundizzjonijiet ta' qafas xierqa għar-riċerka u l-innovazzjoni kien xprunat ħafna mill-**Aġenda tat-tliet O tal-Kummissarju Moedas**: Open Innovation, Open Science, Open to the World (Innovazzjoni Miftuħa, Xjenza Miftuħa, u Approċċ Miftuħ għad-Dinja).

Innovazzjoni Miftuħa

Bil-ħsieb li tgħin tiġġenera u tespandi innovazzjonijiet rivoluzzjonarji u li joħolqu swieq ġodda, u b'hekk jinkiseb impatt ikbar minn Orizzont 2020, il-Kummissjoni Ewropea nediet l-ewwel fażi ta' **Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC)** taħt il-Programm ta' Ħidma 2018-2020. L-ewwel fażi għandha baġit ta' EUR 2.7 biljuni u tiġbor flimkien diversi skemi ta' appoġġ għall-innovazzjoni: l-Istrument għall-SMEs, ir-Rotta Rapida lejn l-Innovazzjoni (FTI), it-Teknoloġiji Futuri u Emerġenti (FET) Miftuħa u l-Premjijiet Orizzont. Grupp esperti indipendenti ta' innovaturi ta' Livell Għoli għen lill-Kummissjoni Ewropea fil-kodisinn tal-forma ta' EIC kompletament żviluppat u pproduċa sett sħiħ ta' rakkomandazzjonijiet f'rapport ippubblikat fl-24 ta' Jannar 2018 intitolat **Europe is back: Accelerating breakthrough innovation**³.

Bħala parti mill-**Aġenda tal-Innovazzjoni Miftuħa**, il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni ġie skrutinizzat għal inizzjattivi leġislattivi rilevanti għall-innovazzjoni, b'konformità mal-**Prinċipju tal-Innovazzjoni**.

Fl-2017, il-Kummissjoni kompliet l-implimentazzjoni tal-fażi pilota tal-**Patti tal-Innovazzjoni (ID)**, introdotta fil-kuntest tal-pakkett dwar l-Ekonomija Ċirkolari, fejn l-ewwel ID dwar it-"Sustainable wastewater treatment combining anaerobic membrane technology (AnMBR) and water reuse" u "From E-Mobility to recycling: The virtuous loop of electric vehicle: Reuse of

³ https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/eic_hlg_bz_web.pdf

batteries from electric cars for stationary energy storage systems” ġew adottati fil-21 ta’ Novembru 2017.

Xjenza Miftuħa

Fl-2017, il-Kummissjoni Ewropea nediet komponenti differenti tal-inizjattiva **Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa (EOSC)** biex tikkapitalizza fuq ir-rivoluzzjoni tad-dejta. Il-cloud tax-xjenza se tipprovdi lix-xjenza, lill-industrija u lill-awtoritajiet pubbliċi Ewropej b’infrastruttura diġitali ta’ klassi dinjija li tagħmel l-aktar informatika u kapaċità tal-ħżin tad-dejta avvanzati faċilment aċċessibbli għal kwalunkwe xjenzat u inġinier fl-Unjoni Ewropea.

Il-Pjattaforma għall-Politika dwar ix-Xjenza Miftuħa (OSPP) ippreżentat l-ewwel rapporti tagħha dwar l-“Altmetrics” f’Marzu 2017 u “Open Education and Skills, Rewards and Incentives” f’Lulju 2017. F’Settembru 2017 il-Kummissjoni ppubblikat Dokument ta’ Ħidma tal-Persunal dwar **is-Sostenibbiltà tal-Infrastruttura tar-Riċerka tal-Ewropa**⁴ fit-tul fejn l-Istati Membri ġew imħeġġa jkomplu jinvestu f’dawn il-faċilitajiet li huma essenzjali biex ix-xjenzati tagħna jkunu jistgħu jestendu l-fruntieri tal-għarfien.

Approċċ Miftuħ għad-Dinja

Matul l-2017, il-kooperazzjoni internazzjonali tal-UE fir-R&I tat kontribut sinifikanti għall-prijorità tal-Kummissjoni ta’ **“L-Ewropa bħala Attur Globali aktar b’saħħtu”** u kienet kruċjali li trendi r-riżultati fil-prijorità tal-politika R&I ta’ “Approċċ Miftuħ għad-Dinja”. Twettqu firxa ta’ Kumitati Konġunti ta’ Kooperazzjoni fix-Xjenza u t-Teknoloġija u Djalogi ta’ Politika Reġjonali sabiex jiġu estiżi l-opportunitajiet għall-kooperazzjoni. L-attivitajiet kienu jinkludu wkoll it-tisħiħ tar-rwol tal-UE fl-inizjattivi globali multilaterali u l-**involvement ta’ pajjiżi sħab internazzjonali fi programmi konġunti**, Konferenza Ministerjali ta’ Tisħiħ tal-Kooperazzjoni Ewro-Mediterranja permezz tar-R&I, kontribuzzjonijiet fil-Konferenza dwar l-Oċean Tagħna f’Malta, l-estensjoni tal-**Alleanza għar-Riċerka dwar l-Oċean Atlantiku** permezz tad-“Dikjarazzjoni ta’ Belém” għall-pajjiżi li jmissu mal-Atlantiku tan-Nofsinhar, b’mod partikolari l-Brażil u l-Afrika t’Isfel, u l-appoġġ lill-**Missjoni dwar l-Innovazzjoni**. Avveniment ieħor kien id-Djalogu dwar il-Politika ta’ Livell Għoli bejn l-UE u l-UA. L-UE għamlet ukoll l-aħħar passi għall-parteċipazzjoni tagħha fi PRIMA (Riċerka u Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran), inizjattiva skont l-Artikolu 185 TFUE, li ġiet adottata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill tal-UE f’Lulju 2017. Il-baġit tal-inizjattiva attwalment huwa ta’ EUR 494 miljun (li EUR 274 miljun minnhom ġejjin mill-Istati Parteċipanti u EUR 220 miljun ġejjin mill-UE).

Miżuri ta’ Politika Oħrajn

Bħala parti mis-**Semestru Ewropew** tal-2017, fit-22 ta’ Frar 2017 il-Kummissjoni ppubblikat ir-Rapporti dwar il-Pajjiżi b’kontenut sostanzjali u rilevanti dwar ir-R&I. Sett ta’ rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi⁵ li jindirizza kwistjonijiet dwar ir-R&I adottat fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika.

Il-Grupp ta’ Livell Għoli dwar il-Mekkaniżmu ta’ Konsulenza Xjentifika (SAM HLG) ħareġ diversi pubblikazzjonijiet fl-2017. F’Marzu 2017 ġiet ippubblikata opinjoni xjentifika dwar “Cybersecurity in the European Digital Single Market” li ffurmat parti mill-bażi ta’ evidenza għall-Komunikazzjoni konġunta tal-KE u tar-Rappreżentant Għoli ta’ Settembru 2017 “Reżiljenza, Deterrenza u Difiża: Il-Bini ta’ ċibersigurtà b’saħħitha għall-UE” li ppreżentat miżuri biex ikomplu jissaħħu l-istrutturi u l-kapaċitajiet taċ-ċibersigurtà tal-UE. In-Nota ta’ Spjegazzjoni tal-SAM HLG dwar New Techniques in Agricultural Biotechnology ġiet

⁴ https://ec.europa.eu/research/infrastructures/pdf/swd-infrastructures_323-2017.pdf

⁵ https://ec.europa.eu/info/publications/2017-european-semester-country-reports_mt

ippubblikata f'April 2017. L-opinjoni xjentifika tal-SAM HLG dwar Food from the Oceans giet ippubblikata f'Novembru 2017.

Il-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERC) iċċelebra l-għaxar anniversarju tiegħu fl-2017. Fl-ambitu ta' dan l-avveniment, saru aktar minn 160 ċelebrazzjoni differenti madwar id-dinja. Istituzzjonijiet tar-riċerka, universitajiet, gvernijiet nazzjonali, mużewijiet tax-xjenza, Delegazzjonijiet tal-UE u atturi oħrajn ikkontribwew biex jimmarkaw dan il-pass importanti.

F'din is-sena kien jaħbat ukoll l-20 anniversarju tal-**Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA)** li ffinanzjaw aktar minn 100 000 riċerkatur u li fl-2017 appoġġaw il-mobbiltà, it-taħriġ u l-iżvilupp tal-karriera ta' madwar 9000 riċerkatur tal-ogħla klassi. Sa 14-il kandidat għad-dottorat iffinanzjati mill-MSCA appoġġaw id-detezzjoni sinifikanti ta' mewġ gravitazzjonali li wasslet għall-Premju Nobel għall-Fiżika tal-2017 filwaqt li tliet persuni onorati li preċedentament kienu involuti bħala xjenzati responsabbli għal tmien proġetti tal-MSCA ingħataw il-Premju Nobel għall-Kimika tal-2017.

F'Settembru 2017, il-Kummissjoni flimkien mar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ppubblikaw **Komunikazzjoni konġunta dwar iċ-Ċibersigurtà** għall-UE biex titjieb il-pożizzjoni tal-UE sabiex tkun tista' taffaċċa t-theddid ċibernetiku. L-inizjattiva tad-**Diġitalizzazzjoni tal-Industrija Ewropea** kompliet l-attivitajiet tagħha b'suċċess.

Il-Kummissjoni nqasdet mal-Forum Internazzjonali għall-Avvanz tal-Innovazzjoni tal-Ewwel Intervent⁶ fl-2017 bil-għan li tiżgura l-koerenza u l-kumplimentarjetajiet tar-riċerka dwar is-sigurtà tal-UE fil-qasam tal-Ewwel Interventi mal-isforzi globali fl-istess dominju; Forum li bħalissa huwa ppresedut mill-Kummissjoni. Il-Forum għandu 14-il membru, inkluż għadd ta' SM u sħab internazzjonali.

F'Ottubru 2017, il-Kummissjoni flimkien mal-membri Ewropej tal-Grupp intergovernattiv dwar l-Osservazzjonijiet tad-Dinja (GEO)⁷ nedew l-**Inizjattiva EuroGEOSS**⁸. EuroGEOSS qed tlaqqa' flimkien il-programm Copernicus u l-isforzi fir-R&I ta' Orizzont 2020 fid-dominju tal-Osservazzjoni tad-Dinja (EO) sabiex tappoġġa l-iżvilupp ta' servizzi u prodotti downstream.

F'Novembru 2017, il-Kummissjoni ppreżentat ir-reviżjoni tagħha tal-**Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Bijoekonomija għall-Ewropa** tal-2012, iddokumentata bħala Dokument ta' Ħidma tal-Persunal. Inbeda x-xogħol fuq reviżjoni tal-istrateġija u tal-pjan ta' azzjoni tagħha, li huwa mistenni li jiġi adottat fl-2018.

Isiru **attivitajiet ta' tbassir** biex jingħata appoġġ speċifiku għall-iżvilupp ta' proposti għall-Programm Qafas u għall-programmi ta' ħidma biennali tiegħu. Fl-2017 l-attivitajiet ta' tbassir iffukaw fuq appoġġ għar-riflessjoni dwar il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (FP9). L-istadji ewlenin għas-sena kienu jinkludu l-pubblikazzjoni ta' tliet rapporti: Il-pubblikazzjoni tal-Grupp Espert dwar it-Tbassir Strateġiku fil-Politika tal-UE u żewġ rapporti mill-proġett BOHEMIA⁹ li għandhom l-għan li jappoġġaw it-tnejn tal-Proposti tal-Kummissjoni għall-politiki futuri tal-UE dwar ir-R&I.

⁶ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2017)2564/F1

⁷ <http://www.earthobservations.org/>

⁸ https://ec.europa.eu/info/research-and-innovation/knowledge-publications-tools-and-data/knowledge-centres-and-data-portals/eurogeoss_mt

⁹ <https://publications.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/b2d78a84-3aae-11e7-a08e-01aa75ed71a1>;
<https://publications.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/d1ea6c83-e538-11e7-9749-01aa75ed71a1>

Twaqqaf ukoll **Grupp ta' Strateġija ta' Livell Għoli dwar it-teknoloġiji industrijali**¹⁰ biex jirrevedi l-approċċ ta' politika lejn Teknoloġiji Abilitanti Essenzjali, bil-ħsieb li jħares ukoll lil hinn mill-Programm Qafas 2020. Ir-rapport huwa ppjanat għal April 2018.

4. IMPLIMENTAZZJONI TA' ORIZZONT 2020

4.1 Tweġiba għas-sejħiet

F'Settembru 2017 il-Kummissjoni nediet it-[Tabella ta' Orizzont 2020](#) il-ġdida, li tipprovdi dejta ta' monitoraġġ dwar il-proġetti u l-proposti b'mod interattiv, li wħud minnhom huma miġbura fil-qosor hawn taħt.

Sa tmiem l-2017¹¹, ġew konklużi **457** sejħa ta' Orizzont 2020, u ġew sottomessi **151 067** proposta eliġibbli, li kienu jirrikjedu kontribuzzjoni finanzjarja totali tal-UE ta' **EUR 232** biljun. Minn dawn, inżammu **18 059** proposta għall-finanzjament, li wassal għal rata globali ta' suċċess ta' proposti sħaħ eliġibbli fl-ewwel erba' snin għal **12 %**. Total ta' **16 514**-il ftehim ta' għotja ġew iffirmati sal-aħħar ta' Diċembru 2017, b'allokazzjoni tal-baġit ta' **EUR 29.8 biljun** f'finanzjament mill-UE.

Fis-snin ta' bejn l-2014 u l-2017, il-parteċipanti mill-Istati Membri rċewew 92 % mill-finanzjament filwaqt li l-bqija marru għand dawk il-parteċipanti minn Pajjiżi Assoċjati u Pajjiżi Terzi. L-Istati Uniti, iċ-Ċina, il-Kanada, l-Awstralja u l-Afrika t'Isfel irrappreżentaw aktar minn 50 % tal-parteċipazzjoni globali tal-Pajjiżi Terzi. 12.0 % tal-ftehimiet ta' għotja kollha jinkludu sieħeb wieħed jew aktar minn pajjiżi terzi, u EUR 44 miljun fis-sena huma investiti minn parteċipanti minn pajjiżi terzi fi proġetti ta' Orizzont 2020.

L-**universitajiet** għadhom fl-ewwel post f'termini ta' finanzjament riċevut, filwaqt li s-settur privat qabiżhom bi ftit f'termini ta' parteċipazzjoni. Is-sehem tal-**parteċipazzjoni tas-settur privat** fis-sejħiet mill-bidu tal-programm u sal-aħħar tas-sena tar-rapportar jammonta għal 34.4 %. L-SME għandhom sehem ta' 24.5 % mill-parteċipazzjonijiet f'H2020 bl-ammont totali ta' **EUR 4.9 biljuni** f'finanzjament mill-UE.

4.2 Karatteristiċi ewlenin f'Orizzont 2020

It-tnedija tal-Programm ta' Ħidma għall-2018 – 2020 fis-27 ta' Ottubru 2017 bdiet l-aħħar fażi ta' Orizzont 2020, b'finanzjament totali matul dan il-perjodu inkluż dak tal-ERC, ta' aktar minn EUR 30 biljun.

Erba' **Oqsma ta' Prijorità** jikkonċernaw fruntieri tematiċi differenti u jgħaqqdu l-kontribuzzjonijiet minn diversi partijiet tal-programm biex isegwu għan komuni u jgħolqu impatt sostnut. Dawn għandhom baġit totali ta' aktar minn EUR 7 biljun: (i) Il-bini ta' futur reżiljenti għat-tibdil fil-klima, b'livell ta' karbonju baxx, (ii) Il-konnessjoni bejn il-kisbiet ekonomiċi u ambjentali – l-Ekonomija Ċirkolari, (iii) Id-diġitalizzazzjoni u t-trasformazzjoni tal-industrija u tas-servizzi Ewropej, u (iv) It-tisħiħ tal-effettività tal-Unjoni tas-Sigurtà. Il-Programm ta' Ħidma se jikkontribwixxi wkoll għall-prijorità politika tal-indirizzar tal-isfidi tal-migrazzjoni billi jalloka aktar minn EUR 200 miljun għar-riċerka relatata mal-migrazzjoni fit-tliet snin li ġejjin (sejħiet tal-Isfidi Soċjetali 2,3,5,5,6,7).

Strument tal-SME

¹⁰ <http://ec.europa.eu/transparency/regexpert/index.cfm?do=groupDetail.groupDetail&groupID=3540&Lang=MT>

¹¹ Din l-informazzjoni hija relatata mal-proposti u l-proġetti ta' H2020 li ġejjin mis-sejħiet ta' bejn l-2014 u l-2017, hekk kif kienet is-sitwazzjoni fid-09/02/2018

Kien hemm aktar minn 50 000 applikazzjoni għall-istrument tal-SME matul l-ewwel erba' snin tal-operat ta' Orizzont 2020, b'żieda minn sena għal sena (15 395 fl-2017). Ir-rata medja ta' suċċess ta' proposti sħaħ fl-istrument tal-SME fl-ewwel erba' snin kienet ta' 6.9 % (5.6 % fl-2017). Sal-aħħar tal-2017, 24.94 % (EUR 4.32 biljun) tal-baġits totali kkombinati għall-għan speċifiku ta' Orizzont 2020 ta' Tmexxija fit-Teknoloġiji Abilitanti u Industrijali (LEIT) u tal-Isfidi Soċjetali (matul l-ewwel erba' snin ta' implimentazzjoni) kienu ġew allokatil lil SME, li jfisser li l-mira ta' 20 % tal-baġit li ġiet stabbilita mill-Kunsill u mill-Parlament tal-UE fil-bidu tal-programm inqabżet bi kważi 25 % jew 5 punti perċentwali.

Tisħiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali

Ingħata aktar appoġġ għall-parteċipazzjoni internazzjonali fil-proġetti ta' Orizzont 2020 bit-tnedija tal-Programm ta' Ħidma 2018-20, notevolment aktar minn **30 inizjattiva ewlenija** fuq skala kbira u kamp ta' applikazzjoni dwar suġġetti dedikati għall-kooperazzjoni internazzjonali f'oqsma ta' benefiċċju reċiproku, li jammontaw għal baġit totali ta' aktar minn EUR 1 biljun. Ġew intensifikati s-**sinerġiji mal-politiki esterni tal-UE**. Pereżempju, f'Mejju 2017 beda jopera s-synchrotron SESAME fil-Gordana, b'kontribuzzjonijiet kbar mill-UE għall-bini tiegħu.

Il-Kummissjoni baqgħet proattiva biex tiżgura **kundizzjonijiet ta' qafas tajbin għall-kooperazzjoni internazzjonali fir-R&I**. Komplet iżżid l-kamp ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmi ta' kofinanzjament ta' Orizzont 2020, eż. id-Djalogu ta' Kooperazzjoni fl-Innovazzjoni bejn l-UE u ċ-Ċina tal-2017 qabel li jġedded il-mekkaniżmu Ċiniż għall-2018-20. Minbarra l-attivitajiet skont l-MSCA, li jirrappreżentaw nofs il-parteċipazzjonijiet kollha minn pajjiżi terzi f'Orizzont 2020, ġew iffirmati Arranġamenti ta' Implimentazzjoni tal-ERC mal-korpi ta' finanzjament f'għaxar pajjiżi madwar id-dinja. Is-sena 2017 rat ukoll it-tnedija tal-ewwel nodi ta' **Network Ewropew ta' Ċentri ta' R&I** u ta' Hubs fl-Istati Uniti, fiċ-Ċina u fil-Brażil. Kien hemm pereżempju kooperazzjoni mal-Indja dwar l-isfidi tal-ilma u mal-pajjiżi Afrikani dwar is-sigurtà tal-ikel u l-enerġija rinnovabbli.

Żieda fil-parteċipazzjoni

Filmkien mal-Faċilità ta' Appoġġ għall-Politiki (PSF) u s-Siġill ta' eċċellenza, 11-il proġett irċewew finanzjament taħt it-tieni fażi tal-istrument tal-Ittimjar biex jinħolqu Ċentri ta' Eċċellenza li jgħinu fit-titjib tal-prestazzjoni tar-riċerka u fiż-żieda tal-investiment f'pajjiżi bi gradazzjonijiet ta' eċċellenza aktar baxxi fir-riċerka. Il-proġetti rċewew bejn 10 u 15-il miljun Euro kull wiehied, li b'kolloxx jammontaw għal kważi EUR 155 miljun. Fl-2017, tnediet ukoll sejħa tal-ewwel stadju tal-Ittimjar bi kważi EUR 14-il miljun ta' kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE, li rriżultat fi 30 proġett ifffinanzjat. Kompla jingħata l-appoġġ għall-COST (Kooperazzjoni Ewropea fix-Xjenza u t-Teknoloġija). Azzjoni pilota fil-Programm ta' Ħidma 2018-20 se tiffinanzja aktar minn 100 riċerkatur ta' kwalunkwe nazzjonalità li jirċievu fellowship ispirat mill-MSCA f'pajjiż li fih trid tiżdied il-parteċipazzjoni.

Fl-2017, Is-Siġill tal-Eċċellenza ntuża f'19-il skema nazzjonali fi 11-il pajjiż (CY (4), CZ (2), ES (1), HU (1), SI (2), SE (2), NO (1), PL (2), EL (1), UK (1) u dalwaqt SK (2)) u f'għaxar skemi reġjonali f'erba' pajjiżi. (IT (6), ES (3), FR (1), CZ (1))

Xjenzi Soċjali u Umanistiċi:

Fl-2017 ix-xjenzi soċjali u l-umanistiċi (SSH) komplew jiġu integrati fl-attivitajiet ta' Orizzont 2020. 114-il suġġett fil-pilastri tat-Tmexxija Industrijali u tal-Isfidi Soċjetali kienu jeħtieġu b'mod espliċitu kontribuzzjonijiet mill-SSH. L-Isfida Soċjetali 6 “ Soċjetajiet inklużivi, innovattivi u riflessivi” (SC6) baqgħet il-fulkru għar-R&I soċjoekonomiċi u kulturali bbażati fuq sfida f'oqsma bħall-inugwaljanza, it-tkabbir u l-inklużjoni u r-relazzjonijiet internazzjonali. Bl-issoktar tal-kriżi tar-refuġjati, aġenda ta' riċerka dwar il-migrazzjoni pprovdiet bażi ta' evidenza solida b'appoġġ għall-politiki dwar il-migrazzjoni u soluzzjonijiet innovattivi għall-integrazzjoni tal-migranti.

Ġeneru

L-ugwaljanza bejn is-sessi ġiet ivvalutata b'mod speċifiku fil-qafas tar-Rapport tal-Grupp Esperti dwar l-Evalwazzjoni Interim ta' Orizzont 2020¹². Komplex ix-xejriet pożittivi u ntlaħqu l-miri fil-parteċipazzjoni tan-nisa f'Orizzont 2020: matul l-ewwel tliet snin ta' Orizzont 2020, is-sehem ta' kuntratti ffirmati ma' esperti nisa li jipparteċipaw fil-panels tal-evalwazzjoni kien 41 % u 55.2 % tal-membri tal-gruppi ta' konsulenza kienu nisa. Ġiet prodotta infografika¹³ li tippreżenta x-xejriet ewlenin u l-azzjonijiet implimentati għall-ugwaljanza bejn is-sessi f'Orizzont 2020.

Azzjoni dwar il-Klima u Żvilupp Sostenibbli

Ir-Regolament dwar Orizzont 2020 jistabbilixxi l-miri tal-infiq ta' 35 % għall-**azzjoni klimatika** u 60 % għall-**iżvilupp sostenibbli** li għandhom jinkisbu tul id-durata tal-programm kollu. Il-monitoraġġ tan-nefqa ta' Orizzont 2020 juri li sal-2017 il-mira għall-iżvilupp sostenibbli kienet fit-triq it-tajba, filwaqt li dik għall-azzjoni klimatika kienet għadha ma ntlaħqitx. L-infiq segwit sal-2017 huwa qrib it-30 % għall-azzjoni klimatika u 69 % għall-iżvilupp sostenibbli (fl-2017 meta mqabbel ma' 65 % fl-Evalwazzjoni Interim ta' Orizzont 2020). Għadhom għaddejjin sforzi addizzjonali mill-Kummissjoni kollha biex jiġi żgurat li l-mira simplifikata tal-azzjoni klimatika tintlaħaq sa tmiem Orizzont 2020.

Sinerġiji ma' programmi oħrajn

F'Lulju 2017, ġiet adottata l-Komunikazzjoni “Insaħħu l-Innovazzjoni fir-Reġjuni tal-Ewropa: Strateġiji għal tkabbir reżiljenti, inklussiv u sostenibbli”, li enfazzza l-importanza ta' **sinerġiji u komplementarjetajiet bejn il-politiki u l-istrumenti tal-UE** bħala soluzzjoni biex jinkiseb il-massimu possibbli mill-potenzjal tat-tkabbir tar-reġjuni u tal-Istati Membri tal-UE. Hemm oqfsa ta' ppjanar tar-R&I u tal-iżvilupp reġjonali globali li jinkludu azzjonijiet downstream u upstream għal Orizzont 2020 u jiffaċilitaw il-kooperazzjoni transnazzjonali fi prijoritajiet ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti relatati. S3 huma kruċjali għas-sinerġiji. Hemm ukoll għodda ta' Radar ta' Innovazzjoni sabiex tattira lill-investituri¹⁴.

L-implimentazzjoni tas-**Siġill ta' Eċċellenza** għamlet progress tajjeb fl-2017 u ddaħħal fis-seħħ għadd akbar ta' skemi reġjonali/nazzjonali li jappoġġaw finanzjarjament proposti ta' “Siġill” tal-Istrument tal-SME, inkluż permezz tal-FSIE. Matul is-sena, is-Siġill ġie estiż biex ikopri azzjonijiet ta' Ittimjar taħt il-parti għaż-żieda fil-parteċipazzjoni ta' Orizzont 2020 u l-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie filwaqt li pprogressat il-ħidma ta' preparazzjoni biex tiġi estiża għall-proposti tal-Prova tal-Kunċett tal-ERC. F'Jannar 2017, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat in-“Nota ta' Spjegazzjoni” dwar l-applikazzjoni tar-**Regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat** għall-fini li tispjega f'termini sempliċi kif jinħolqu skemi ta' appoġġ pubbliku b'mod li l-proposti ta' “Siġill” jiġu ffinanzjati fl-ogħla intensità ta' finanzjament possibbli. Ftit xhur wara, f'Ġunju, il-proġetti ta' Siġill ġew eżentati mir-rekwiżit ta' notifika. Tnediet ukoll attività oħra kbira b'fokus fuq is-sinerġiji skont il-Faċilità ta' Appoġġ għall-Politika ta' Orizzont 2020: l-**Eżerċizzju ta' Tagħlim Reċiproku** dwar iż-**Żieda** fil-parteċipazzjoni u l-iżgurar ta' sinerġiji bejn il-programmi ta' riċerka u innovazzjoni tal-UE u l-Politika ta' Koeżjoni.

¹²https://ec.europa.eu/research/swafs/pdf/pub_gender_equality/interim_evaluation_gender_long_final.pdf#view=fit&pagemode=none

¹³ https://ec.europa.eu/research/swafs/images/infographics/gender_gap_ri_2017-w920.jpg

¹⁴ Ara b'mod partikolari l-kompilazzjoni ta' Prattiki u eżempji tajbin għas-sinerġiji: <http://s3platform.jrc.ec.europa.eu/stairway-to-excellence> u <https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/innovation-radar>

5. EURATOM

Skont id-Dikjarazzjoni tal-Programm Euratom, sar progress f'dak li jirrigwarda l-għanijiet speċifiċi tal-Programm. B'mod partikolari, fil-qasam tas-sigurtà nukleari, fl-2017 ġew iffirmati 23 proġett ġdid (riċerka konġunta u/jew azzjonijiet koordinati) li għandhom il-probabbiltà li jwasslu għal titjib evidenti fil-prattika tas-sikurezza nukleari fl-Ewropa. Barra minn hekk, ġew iffirmati għaxar proġetti ġodda fl-2017 li jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' soluzzjonijiet fit-tul għall-ġestjoni ta' skart nukleari aħħari. Ġie adottat il-**Programm ta' Ħidma ta' Euratom għall-2018** fejn l-azzjonijiet proposti jindirizzaw l-isfidi tar-riċerka importanti għas-sikurezza nukleari, il-ġestjoni tal-iskart u l-protezzjoni mir-radjażzjoni. Barra minn hekk, il-Programm ta' Ħidma ta' Euratom għall-2018 jenfasizza r-riċerka dwar id-dekummissjonar ta' installazzjonijiet nukleari kif ukoll il-promozzjoni tat-taħriġ, eċċ¹⁵¹⁶¹⁷¹⁸.

Peress li t-**Trattat Euratom** jippermetti biss programm ta' riċerka ta' ħames snin, il-Kummissjoni adottat proposta għal Regolament tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom 2019-2020. Din il-proposta għandha l-istess għanijiet u l-lista tal-attivitajiet bħall-programm attwali tal-Euratom 2014-2018. Il-proposta għal **estensjoni** tal-programm ta' Euratom kienet akkumpanjata minn rapport mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament dwar l-Evalwazzjoni Interim tal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom 2014-2018. Id-Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni ta' akkumpanjament jipprovdu evalwazzjoni dettaljata tal-azzjonijiet diretti u indiretti tal-programm.

6. ĊENTRU KONĠUNT TAR-RIĊERKA (JRC)

Minbarra li huwa parti mill-programm ta' EURATOM, fl-2017 il-JRC kompli jipprovdi appoġġ xjentifiku lil inizjattivi ta' politika ewlenin bħas-suq uniku diġitali, l-unjoni tal-enerġija, l-ekonomija ċirkolari, it-tassazzjoni, l-agrikoltura, il-pilastru soċjali, il-migrazzjoni u s-sigurtà. Wieġeb ukoll għal kwistjonijiet emerġenti, bħall-kwalità doppja tal-ikel.

Il-JRC għamel progress fl-implimentazzjoni tal-**Istrateġija 2030** tiegħu adottata fl-2016. Fl-2017, il-JRC kompli jsaħħaħ il-kapaċità ta' ġestjoni tal-għarfien tiegħu għat-tfassil tal-politiki permezz tat-tnedija ta' Ċentru tal-Għarfien (KC) għall-bijoekonomija u Ċentru ta' Kompetenzi (CC) dwar l-immudellar. Total ta' erba' KC u erba' CC jiġbor flimkien esperti, kompetenzi, għodod, ħiliet, dejta u għarfien mill-Kummissjoni kollha.

Barra minn hekk, il-JRC ikkontribwixxa għal **Regolamentazzjoni Aħjar** billi appoġġa lill-Kummissjoni b'metodoloġiji għall-kwantifikazzjoni u l-ippjanar tad-dejta. Dan saħħaħ l-appoġġ tiegħu għas-**Semestru Ewropew**, permezz ta' pjattaformi ta' kondiviżjoni tal-għarfien bejn il-pajjiżi u tal-immudellar tat-taxxa. Flimkien ma DG oħrajn tal-Kummissjoni, il-JRC żviluppa qafas kunċettwali għar-reżiljenza li jista' jintuża fit-tfassil ta' politiki tal-UE. Matul l-2017 issoktat il-kollaborazzjoni mill-qrib mal-**Mekkaniżmu ta' Konsulenza Xjentifika** tal-Kummissjoni (**SAM**). Il-JRC appoġġa l-innovazzjoni reġjonali billi wessa' l-kamp ta' applikazzjoni tematiku tal-“Iskala ta' Eċċellenza” u żied għodod ġodda mal-“Pjattaforma ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti”

¹⁵ COM(2017) 698 final Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL dwar il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2019-2020).

¹⁶ COM(2017) 697 final Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew Evalwazzjoni Interim tal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom 2014-2018

¹⁷ SWD(2017) 426 Evalwazzjoni Interim finali tal-azzjonijiet diretti tal-programm ta' riċerka u taħriġ tal-Euratom 2014-2018

¹⁸ SWD(2017) 427 Evalwazzjoni Interim finali tal-azzjonijiet indiretti tal-programm ta' riċerka u taħriġ tal-Euratom 2014-2018

Fl-2017, il-JRC nieda sejħa għal espressjoni ta' interess fil-forniment ta' aċċess miftuħ għal bosta mill-**infrastrutturi tar-riċerka** ta' klassi dinjija tiegħu. Inizjattivi ġodda oħrajn fl-2017 jinkludu l-istabbiliment ta' Ċentru għall-Istudji Avanzati. Il-JRC ikkonkluda wkoll arranġamenti ma' kontropartijiet Ewropej fl-Estonja, fis-Slovenja, fi Franza, fid-Danimarka, fil-Polonja, fil-Finlandja, kif ukoll ma' entitajiet reġjonali u sħab internazzjonali. Ir-relazzjonijiet mal-pajjiżi Afrikani ġew enfasizzati permezz tal-pubblikazzjoni ta' rapport "Xjenza għas-Sħubija bejn l-UA u l-UE: nibnu għarfinen għal żvilupp sostenibbli", imħejji fil-kuntest tas-Summit tal-2017 bejn l-UA u l-UE. Firxa wiesgħa ta' avvenimenti madwar l-Ewropa għenu biex jinħolqu rabtiet aktar mill-qrib bejn iċ-ċittadini, il-komunità xjentifika u dawk li jfasslu l-politika tal-UE. Avvenimenti bħal dawn jinkludu "Ix-Xjenza tiltaqa' mal-Parlament" u "Ix-Xjenza tiltaqa' mar-Reġjuni", organizzati mal-Panel tal-Valutazzjoni tal-Għażliet Xjentifiċi u Teknoloġiċi (STOA) u l-Kumitat tar-Reġjuni, rispettivament.

7. EIT

Fl-2017, l-EIT issokta bl-implimentazzjoni tal-Aġenda Strateġika ta' Innovazzjoni (SIA) tiegħu. Għadu l-uniku strument tal-UE li jintegra b'mod sħiħ l-edukazzjoni, ir-riċerka u n-negozju fil-Komunitajiet ta' Konozzjoni u Innovazzjoni (KKI) tiegħu sabiex jindirizza l-isfidi tal-klima, diġitali, tas-saħħa, tal-enerġija, tal-ikel u tal-materja prima. Kemm l-Evalwazzjoni ta' Nofs it-Terminu tal-EIT kif ukoll l-Istudju tal-Impatt tal-EIT ikkonfermaw li l-mudell uniku ta' innovazzjoni tal-EIT irendi riżultati u impatt. Parti minn dawn ir-riżultati tidher fit-18-il imprenditur mill-Komunità tal-EIT rikonoxxuti minn Forbes fil-lista tagħhom tal-2017 tat-30 Ewropew taħt it-30. Dan kien jinkludi innovazzjonijiet radikali li jvarjaw minn ajruplani elettriki mingħajr emissjonijiet għal soluzzjoni rivoluzzjonarja ta' ħżin tal-enerġija bbażat fuq il-grafen. L-allokazzjoni totali tal-ġotja kienet ta' EUR 320 miljun. L-Iskema ta' Innovazzjoni Reġjonali tal-EIT, li hija l-iskema ta' żieda fil-parteċipazzjoni tal-EIT, issa qiegħda tappoġġa attivitajiet fi 18-il pajjiż. L-EIT ħa ħsieb l-istabbiliment ta' EIT Food, li jiżgura l-iżvilupp tiegħu għal KKI stabbli li tipprovdi attivitajiet tul il-katina tal-valur tal-ikel kollha f'ħames Ċentri tal-Kolokazzjoni li għadhom kemm fetħu fl-Ewropa.

8. DISSEMINAZZJONI, SFRUTTAMENT U KOMUNIKAZZJONI

Ġew implimentati żewġ kuntratti qafas biex jassistu lill-konsorzji tal-proġetti fl-attivitajiet tagħhom ta' disseminazzjoni u sfruttament: il-"Common Exploitation Booster" li matul l-2017 ipprova appoġġ immirat għal 195 proġett u l-"Common Dissemination Booster" li se jappoġġa 272 proġett, li nbdew fit-tielet kwart tal-2017.

Is-servizzi tal-Kummissjoni implimentaw miżuri addizzjonali sabiex jiġu ntraċċati r-riżultati tar-riċerka wara li jitlestew il-proġetti sabiex tinkiseb ħarsa aktar komprensiva.

Għall-partijiet ikkonċernati esterni, **CORDIS**, ir-repożitorju pubbliku primarju u l-portal tal-Kummissjoni Ewropea għad-disseminazzjoni tal-informazzjoni dwar il-proġetti kollha ta' riċerka ffinanzjati mill-UE, ġie appoġġat b'EUR 5 miljun. CORDIS kompli jkun l-għodda ewlenija għall-forniment ta' aċċess faċli għall-użu għal dejta u riżultati ta' proġetti permezz ta' viżibbiltà aktar rapida u wiesgħa tal-eżiti tal-proġetti u funzjonijiet ta' tiftix imtejba.

Mill-2017, it-**Tabella ta' H2020** l-ġdida jiffaċilita l-użu ta' firxa wiesgħa ta' dejta dwar il-proġetti u l-proposti ta' Orizzont 2020 sabiex turi l-impatt tal-programm u tappoġġa t-fassil ta' politiki bbażat fuq l-evidenza. Tikkumpla l-faċilitajiet ta' rapportar eżistenti billi toffri punt ta' aċċess uniku li huwa unifikat, trasparenti, faċli biex jintuża u online għad-dejta u għar-riżultati tal-implimentazzjoni ta' Orizzont 2020 kemm għall-utenti interni kif ukoll esterni.

Mill-2017, l-aċċess **miftuħ** sar ir-regola prestabbilita fil-programmi ta' ħidma, bil-possibbiltà li wieħed jagħżel li ma jipparteċipax b'dan il-mod taħt kundizzjonijiet speċifiċi. Abbażi tal-

ftehimiet ta' għotja ffirmati fl-2017, sa tmiem l-2017, madwar 63 % tal-pubblikazzjonijiet kienu tat-tip ta' aċċess miftuħ. Fil-każ tal-proġetti kollha li kienu qed jipparteċipaw f'H2020, sa tmiem l-2017, 74.85 % tal-pubblikazzjonijiet kollha kienu tat-tip ta' aċċess miftuħ.

9. Prospettiva

Is-sena 2018 se tkun immarkata bit-tnejn tal-**Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (FP9)** li jmiss li għandu jibda fl-2021. Ir-risultati tal-Evalwazzjoni Interim ta' Orizzont 2020, ir-rakkomandazzjonijiet tar-rapport tal-Grupp ta' Livell Għoli, ir-risultati mill-eżerċizzji ta' tbassir kontinwu u r-raġunament ekonomiku għall-finanzjament pubbliku tar-R&I u l-impatt tiegħu, u l-valutazzjoni tal-impatt nfisha, se jkunu passi fundamentali li jwittu t-triq għall-Programm Qafas suċċessur. L-aħħar tliet snin ta' Orizzont 2020 se jkunu diġà qegħdin jittestjaw uħud mis-soluzzjonijiet imfassla biex jindirizzaw it-tagħlimiet meħuda. Se jkun hemm approċċ ġdid għas-suġġetti dwar it-tkabbir blu.

Sfida ta' politika li għandha tiġi indirizzata aktar matul l-2018 se tkun il-ħtieġa li tinżamm in-narrativa pożittiva dwar ix-xjenza u l-innovazzjoni.

Se jitfassal **approċċ xprunat minn missjoni** biex jinholq impatt b'saħħtu u li jista' jitkejjel, b'potenzjal ta' trasformazzjoni għax-xjenza, it-teknoloġija, l-industrija u s-soċjetà. Il-Kummissjoni se timpenja lilha nfisha b'mod attiv mal-partijiet ikkonċernati matul l-2018, sabiex tkompli tiżviluppa dan il-kunċett u kunċetti ewlenin oħrajn għall-programm il-ġdid.